# 14

## *Ufficcju tal-Magistrat*
## *Kwerelanti.  Kmieni fil-ghaxija.*

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Se npoggi lili nnifsi fis-sitwazzjoni ta' Delile<br><br>Nidhol u nara bil-qieghda fil-kcina minn wara hdejn xulxin il-habib tieghi Blache u Rose il-mara zghazugha tieghi<br><br>Ix-xokk<br><br>Ghaliex<br><br>Dak li nkun skoprejt b'ghajnejja hija biss wara kollox banalita'<br><br>Blache huwa vizitatur ta' spiss fid-dar xejn m'hemm iktar mis-soltu li jista' jghalni nissuspetta fil-prezenza tieghu hawnhekk<br><br>Lanqas fil-mod kif kienu bil-qieghda t-tnejn li huma |
| BELOT | Forsi poza ta' darhom li tghid hafna ? |
| PHELYPEAUX | Blache vera kkapparra lil Rose ?  L-intuizzjoni li laqtitu bhal sajjetta bhala zewgha kienet wahda gusta?  B'tali mod li wara jirnexxilu bil-mod il-mod johrogha minn hajtu<br><br>Jew jista' jkun li baqghet hemm rieqda go fih ghal zmien twil?<br><br>L-istint |
| BELOT | Mohbi  fil-gungla |
| PHELYPEAUX | Bil-mod<br><br>Erga' aqrali dik il-bicca tax-xhieda ta' Rose fejn titkellem fuq meta giet ikkancellata t-tellieqa tar-rota |

| | |
|---|---|
| BELOT<br>*(taqra)* | Kien dakinhar li meta gie lura mit-tlielaq tar-roti li kienu thassru ir-ragel tieghi dahal gol-kcina fejn kont qed niehu kafe mal-gar u habib taghna s-Sur Blache li kien jigi kwazi kuljum jghid kelma maghna u li kien ta' spiss iqatta' l-Hdud fil-kumpanija taghna  Pierre ha xokk kbir beda jlissen kliem li ma bdewx jiftiehmu ghal zmien twil ma riedx jerga' jilqa' lil Blache f'darna xi haga li gabet hasra kemm fuqi kif ukoll lis-Sur Blache imma z-zmien isajru l-bajtar fl-ahhar kollox ikkalma |
| PHELYPEAUX | Ejja nghidu li ma gara xejn |
| BELOT | Nisperaw li huwa hekk<br><br>Il-hajja ta' dawn in-nies kienet tassew vojta |
| PHELYPEAUX | Dak li kien jidher vojt ghal haddiehor ...stenna ftit<br><br>Fl-imhabba ta' bejn Pierre u Rose ma kien ebda shaba sewda.  U iktar minn hekk kellhom habib fidil Nicolas<br><br>Lit-tlieta li huma ma jonqoshom xejn kienu jiftiehmu kompletament bejniethom skond kif tixtieq qalbhom<br><br>X'jidhirlek ? |
| BELOT | Qed tmur ghajni bija |
| PHELYPEAUX | L-armonija<br><br>U f'daqqa wahda l-incident<br><br>Meta nitkellem mieghek jghinni hafna n-nuqqas ta' intelligenza tieghek<br><br>Il-hsibijiet juzawha bhala trampolin biex b'hekk inkun nista' nara n-naha l-ohra ta' l-affarijiet<br><br>Zewgt irgiel u mara ghalik bilfors ifisser qrun? |

| | |
|---|---|
| | It-triangolu Sinjorina Belot jekk nitkellmu b'mod dinamiku huwa forma geometrika li jista' jinqasam f'zewg nofsijiet ezatt bhal xulxin jista' jiflah ghax-xokk kif jista' wkoll jipperpetwa lilu nnifsu fl-integrita' tieghu jekk il-pressjoni rispettiva tat-tlett nahat tieghu tikkumpensa lilha nnifisha u tannulla wahda lill-ohra<br><br>ekwilibriju u zbilanc. Bhall-pendlu hija maghmula l-istorja tal-popli kif ukoll l-istorja tal-hajja ta' kull wiehed u wahda minna<br><br>Ejja nghidu li raqdu flimkien |
| BELOT | Ehe<br><br>Isma' dan se jzommni haw' ghall-overtime u m'ghandikx minn fejn thallasni |
| PHELYPEAUX | Effettivament<br><br>M'ghandix biex inhallsek imma inti se taccetta li tahdimhomli xorta minn qalbek |
| BELOT | Fil-ghaxijiet biss Sur Magistrat<br><br>It-triangolu tieghi huwa int jien u habib li qed jistennieni<br><br>Nixtiequ ma nitilfux il-bidu tal-film fit-tmienja u nofs fuq it-TF1 u qabel hemm bzonn ikolli ftit hin halli nipprepara froga |
| PHELYPEAUX | Huwa ejja nehilsuha f'hakka t'ghajn Sinjorina Belot |
| BELOT | Inhabbat il-bajd naqli l-bicciet tas-salami |
| PHELYPEAUX | Ifrahlu ta'!<br><br>Jekk kien hu li ghazilha imma tergax tigi biha<br><br>Dan il-blaws inti<br><br>Kuntenta bl-imhabba li ghandek |

| | |
|---|---|
| BELOT | Minn dak il-lat<br><br>(xi hadd ihabbat fuq il-bieb)<br><br>Isma' ma jistax jigik kollox hazin fid-dinja<br><br>Qed tabbuza |
| PHELYPEAUX | Dahhal lil min hemm<br><br>*(tmur tiftah. Tidhol Jacky)*<br><br>Mela int |
| JACKY | Good evening<br><br>Tippermettili nehodlok ftit hin ? |
| PHELYPEAUX<br>*(lil Belot)* | Irnexxielek |
| BELOT | Il-mixjiet li taghmel matul il-lejl<br><br>Dejjem taghmilhom wahdek ?<br><br>Dak jirnexxilek ukoll lilek jekk issib il-persuna li ghandek bzonn |
| JACKY | Nista' nkellmek wahdek ? |
| BELOT | Nista' nitlaq ? |
| PHELYPEAUX | U x'film se taraw ? |
| | |

| | |
|---|---|
| BELOT | « Armi fl-idejn »<br><br>*(tohrog)* |
| JACKY | B'Depardieu Montand Deneuve Galabru Lanvin Anconina<br><br>Imbarazz ! |
| PHELYPEAUX | Xejn affattu !<br><br>Kont rajtu meta hareg f'Gaumont Champs-Elysees hames snin ilu kont fl-ahhar sena tal-magistratura stenna ftit ha niftakar gangster li rtira li jerga' jigi lura ghall-hajja normali li jara riesaq lejh<br><br>Xotts mill-passat |
| JACKY | Kollega antik li ghadu kemm harab mill-habs<br><br>Ma' hooligan ghadu zghir fiz-zmien<br><br>Depardieu<br><br>Qed tittewwgheb Hubert se taqla' l-hanek<br><br>Ghandek bixra ta' xi hadd li dar sewwa l-bars u d-diskows |
| PHELYPEAUX | Zewgt iljieli wara xulxin bla rqad |
| JACKY | Hekk se toqtol lilek innifsek |
| PHELYPEAUX | Jien indhalt fil-bicca ta' Blache<br><br>Min-naha tieghek Jacky sejrin tajjeb? |
| JACKY | Insomma<br><br>M'ghandek xejn gdid ghalija ?<br><br>Xi haga mqar zghira |

| | |
|---|---|
| | Ghandi bzonn xi haga<br><br>Zgur li ghandek xi haga imma qed izzommha ghal haddiehor<br><br>l-ohrajn ghadek m'intix kuntent b'li servejthom qabli<br><br>tajjeb mela jibqa' kollox hekk forsi m'ghandix bizzejjed seniority nissupponi<br><br>jew ma nafx kif ghandi ngibha zewg mieghek ma rridx inzommok<br><br>ha nhallik tmur tiehu naghsa<br><br>imma taf int jien m'inix cuc jaqbillek jekk ittini xi haga halli zzommni taht idejk |
| PHELYPEAUX | Noffrilek tazza ? taf fejn hu l-bar<br><br>Fil-cupboard iz-zghir<br><br>Iva hemm borza tal-lewz inkaljat gibha wkoll |
| JACKY | Insomma dejjem l-istess bqajt<br><br>*(tferra x-xorb)*<br><br>Ghal karriera tieghek Hubert |
| PHELYPEAUX | U tieghek ukoll<br><br>Hanini Jacky tieghi ghandek bixra ta' int<br><br>Ma nafx<br><br>Ta' wahda tqarmec<br><br>Dan tal-mohair ? ta' l-angora ?<br><br>Dan il-pullover min tahulek ?<br><br>Kif int sejra fin-namur ? |
| JACKY | Qed inhossni ddisprata |

| | |
|---|---|
| | Ghandi bzonn xi haga |
| PHELYPEAUX | Ja pejxa mgewha<br><br>Hares<br><br>Tnejn u disghin kawza f'daqqa |
| JACKY | Int dalwaqt taqbdek indigestjoni<br><br>Qed tiekol izzejjed Hubert ?  qed tehxien? |
| PHELYPEAUX | Inti qed titmejjel ?<br><br>Il-monotonija ta' kuljum is-serq ta' kuljum shoplifting insulti ghall-pudur daqqiet korruti |
| JACKY | Qed tgerger ?<br><br>Ghandek il-kaz Blache<br><br>l-imhallfin kollha ta' Franza qed jghiru ghalik bhalissa |
| PHELYPEAUX | Fih x'tomghod veru ?<br><br>Qed nahdem fuqu minn kull naha li nista' u naf inhoss li b'xi mod jew iehor waslet biex tinfaqa' l-buzzieqa<br><br>(iqum bil-wieqfa, jibda jimxi minn naha ghall-ohra)<br><br>int taf fid-dezert ikun hemm il-mirage<br><br>tmur tarah temmen u mbaghad xejn<br><br>ir-ramel<br><br>delitti zghar u qtil mhallef zghir hajja zghira |
| JACKY | Tridni nibda nibki ? |

| | |
|---|---|
| | U kieku kelli xi haga x'naghtik ? |
| PHELYPEAUX | Veru ?<br><br>Ejja ferra |
| JACKY | Imma hemm bzonn li l-ewwel wiehed jiftiehem patta parapatta<br><br>Jien ma nahdimx ghalxejn |
| PHELYPEAUX | Jekk taf b'xi haga li tista' tinteressa lill-gustizzja |
| JACKY | Dak li jinteressani lili<br><br>Huwa li kemm jien kif ukoll int nohorgu mill-hofra li wehilna fiha Hubert<br><br>Sur Magistrat kwerelanti Phelypeaux<br><br>Ahna t-tnejn qeghdin it-tnejn fl-istess daghjsa u jista' jkun li wasal iz-zmien li nbiddlu r-rotta<br><br>Mur orqod<br><br>Jekk tohrog b'xi ideja ghada malli tqum tista' ccempilli<br><br>*(tqum bil-wieqfa)* |
| PHELYPEAUX | Stenna |
| JACKY | Le int qed titbandal qas tiflah terfa' subgha<br><br>*(hierga l-ahhar)*<br><br>il-qattiel ta' Blache huwa Delile |
| PHELYPEAUX | *(b' qabza kbira)*<br><br>Eh ? |

| | |
|---|---|
| | Ghada nharrkek bhala xhud |
| JACKY | Qed ticcajta ?<br><br>Jien kellimtek fuq tpartit |
| PHELYPEAUX | Tahseb ? |
| JACKY | Inzomm xi prova ?  Lanqas xejn imma<br><br>Minn fejn se tibda tikteb il-verbal tieghek b'mod koerenti |
| PHELYPEAUX | Ghidli |
| JACKY | Ara x'qed nghidlek<br><br>Patta parapatta |
| PHELYPEAUX | X'qed titlob ? |
| JACKY | Erbgha u ghoxrin siegha<br><br>Esklussivita' ta' erbgha u ghoxrin siegha  ... biex naghtik l-informazzjoni kollha fuq il-kaz ... ladarba tkun iddecidejt<br><br>Jew tkun obbligat li tghaddi xi haga lill-istampa |
| PHELYPEAUX | Jien marbut bis-sigriet tal-professjoni |
| JACKY | Tajjeb<br><br>Billi qed tghaddini b'mignuna<br><br>Ahjar immorru norqdu ghal rasna Hubert il-lejl it-tajjeb<br><br>Imma int ghandek in-numru tat-telefown ta' Becassine |

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Ma nafx jekk hux ix-xorb jew l-ghejja<br><br>Qed idahhaqni |
| JACKY | Is-sigriet tal-professjoni jien ghandi ntenzjonijiet tajbin allura ejja nghidu hekk bil-mod kif int tixtieq li jkun hemm raguni heqq tinsiex li dawk kienu l-kundizzjonijiet tal-kuntratt li tohrog fil-pubbliku l-informazzjoni fuq il-kaz. Hemm bzonn taghmel xi haga biex taghtini kelmtek li se tpattili ta' dak li ha nghamel mieghek<br><br>Aghtini kelmtek |
| PHELYPEAUX | Tajthiehlek |
| JACKY | Nixorbu ? |
| PHELYPEAUX | Nixorbu |
| JACKY | It-tifel ta' Delile |
| PHELYPEAUX | Paul |
| JACKY | Twieled minn Nicolas Blache mir-relazzjoni li kellu mas-Sinjura Delile relazzjoni li jafu biha zewg girien is-Sa Colin u s-Sa Loineau jekk taghfashom ftit ilsienhom jinhall tibzax |
| PHELYPEAUX | Din l-ipotezi diga ghamiltha |
| JACKY | Imma jien se naghtik il-mezz ta' kif tlahhamha<br><br>It-tieni element huwa Pierre Delile li ntaghzel minn stazzjon tat-televizjoni biex jippartecipa fi programm televiziv taf ? |
| PHELYPEAUX | Hu wkoll ? |

| | |
|---|---|
| | Anke jekk |
| JACKY | Ma tafx ?<br><br>Tajjeb<br><br>U wara Pierre Delile isir jaf li Nicolas Blache kien il-persuna l-ohra li rceviet l-istess proposta kien dan li nnervjah hafna<br><br>Kull ma kien hemm post ghal wiehed biss fil-programm li jirrapprezenta persuna qieghda ghal zmien twil li kellu iktar minn hamsin sena u li rega' sab ix-xoghol<br><br>U hekk hu Delile jinduna li l-ghazla ser taqa' fuq Blache ahbar li kissritu |
| PHELYPEAUX | Imma xejn li jista' jigi ppruvat |
| JACKY | It-tielet.<br><br>Delile li kien joqghod 'il boghod minn kulhadd u fuq kollox minn Blache<br><br>Delile imur ghand Blache |
| PHELYPEAUX | Ah !<br><br>Meta ? |
| JACKY | Jekk intik id-data wkoll ma tantx jibqaghlek x'taghmel<br><br>La naf id-data u lanqas il-hin |
| PHELYPEAUX | U min tahielek din l-informazzjoni ? |
| JACKY | Gbart ghasfur tal-bejt ferut mill-art<br><br>It-tifel ta' Delile. It-tifel tieghu wara kollox - jekk hekk irid |

| | |
|---|---|
| PHELYPEAUX | Paul ?<br><br>Is-sors ma jistax ikun aktar dubjuz<br><br>l-ghatba tal-Qorti kielha<br><br>Jisraq jiehu d-droga |
| JACKY | Jigdeb ma' kull nifs li jiehu |
| PHELYPEAUX | Lil missieru jobghodu |
| JACKY | Dak kollu li qed tghid huwa minnu<br><br>Imma ghandi ragunijiet intimi li jgaghluni nahseb |
| PHELYPEAUX | l-iktar tifla sabiha tad-dinja |
| JACKY | Naf sa fejn tista' tasal<br><br>Biex nghid il-verita' qed ninkwieta ftit li l-ilma ta' din il-biqja mhux qed joghgbok<br><br>Fil-miraggi tieghek ser tiltaqa' ma' sors iktar pur bla dubju ta' xejn<br><br>Nista' noqghod fuq kelmtek ? |
| PHELYPEAUX | Heqq int ghandek mezzi li jien m'ghandix |
| JACKY | Tini idek |
| PHELYPEAUX | Ismaghni<br><br>Ma tantx joghgbuni kawzi bi zbokk wiehed biss ghax jispiccaw iwassluk biex taghmel zbalji hoxnin<br><br>(*fl-ahhar jaqbad l-id mahruga ta' Jacky*) |

| | |
|---|---|
| | inzommu l-kelma li tajna lil xulxin<br><br>insieh lil Delile qed niehu hsiebu jien<br><br>itlaq fuq binarji differenti. Il-Kummissarju Gemier bhas-soltu qed imexxi l-pulizija fuq binarju li dehrilhom li hu dak li ghandhom isegwu ? Jibqghu dehlin fih bhal qatta' moghoz<br><br>int li ghandek daqshekk ghajnek toghrkok minn kollox<br><br>mur xammem fuq zewg jew tlett binarji li jkunu abbandunaw huma tibzax nghidhomlok jien liem'huma |
| JACKY | Isma int qed ticcajta? |